# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 1:** Alla jagħtina t-talenti

**Lezzjoni:** 1.1 Jiena għandi l-kapaċitajiet

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu li kulħadd għandu l-kwalitajiet.
2. Jidentifikaw il-kwalitajiet tagħhom infushom.
3. Jifhmu li Alla hu dak li ta lil kull wieħed dawn il-kapaċitajiet.
4. Jidentifikaw xi kwalitajiet fl-oħrajn.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Stampa ta' sema bl-istilel
- Powerpoint bl-istampi tal-istilla u tfal.
- karti bojod vojta u lapsijiet
- Il-Karta ta' Taħriġ 1.1
- http://www.youtube.com/watch?v=1xvy6m2t9Bc - vidjow-klipp ta' Helen Keller

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Uri stampa ta' sema mimlija kwiekeb u staqsi lil-istudenti x'tagħmel stilla jew kewkba? (Powerpoint)
- Oħroġ fost oħrajn dawn il-punti saljenti:



1. Tagħti gost; 2. Turi t-triq; 3. Issebbaħ is-sema.

- Uri stampa ta' tfal u sema, u staqsi lill-istudenti jekk jaħsbux li hemm xi xebh bejn it-tnejn.

## Nisimgħu flimkien (il-lezzjoni)



- Oħroġ il-punt li kull bniedem huwa 'stilla' għax kulħadd għandu dawk il-kwalitajiet jew talenti li jispikkaw fih u li permezz tagħhom hu jkun persuna unika.(Hawnhekk tista' turi biċċa mill-ħajja ta' Helen Keller li rnexxiet għax sabet min jgħinha taffronta l-ħajja u tiskopri t-talenti tagħha.) Ara l-link.
- Spjega li hu għaqal li kull persuna tagħraf x'inhuma l-kwalitajiet tagħha għaliex meta tiżviluppa dawn, hi ħa tkun kapaċi tikber bil-għaqal u tagħmel il-ħajja tagħha sabiħa u ttejjeb l-ambjent li tkun fih.
- Qassam l-istudenti fi gruppi, preferibilment dawk li jafu lil xulxin flimkien (peress li għadna fil-bidu tas-sena). L-istudenti joqogħdu forma ta' ċirku. Din l-attività tista' anki ssir fil-bitħa tal-iskola.
- Agħti karta bajda vojta u lapes kull wieħed u jiktbu isimhom fuq nett. Kulħadd imexxi l-karta tiegħu lill-persuna tan-naħa tax-xellug u fuqha jikteb kwalità li dik il-persuna għandha. Ma jimpurtax jekk jinkitbu l-istess kwalitajiet. Din il-karta tibqa' ddur fiċ-ċirku sakemm kulħadd jerġa' jkollu l-karta tiegħu/tagħha f'idu.
  - Agħti lill-istudenti ftit ħin jaqraw il-kwalitajiet sbieħ li jkunu miktuba dwarhom. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jikkultivaw fihom dawk il-kwalitajiet li sħabhom qed jaraw fihom biex jikbru bis-serjetà.

Stieden lill-istudenti jaqsmu xi kwalitajiet tajbin li jkunu kitbu li jistgħu jiġu meħudha mill-karta li mlewlhom sħabhom dwarhom infushom.

- Iftaħ **il-Ktieb tal-Attivitajiet 1.1**.
- Spjega s-silta mogħtija u b'mod individwali stieden lill-istudenti sabiex jaħdmu Attività A.
- Agħti r-risposti biex kulħadd ikollu r-risposti t-tajbin.
- Spjega Attività B li għandha tinħadem bħala klassi.

  Ir-risposti jiġu hekk: 5-3-2-1-4.

- Aqra' Attività Ċ u spjega l-istorja qasira li hemm u ħalli l-istudenti fi gruppi jirrispondu għall-mistoqsijiet. Għall-aħħar mistoqsija kun ċert li l-istudenti joħorġu b'din l-attitudni (għalkemm jista' jkun hemm risposti varji): Jien irrid nifhem li hemm ħin għal kollox u l-għaqal jitlob għall-attenzjoni f'dak il-każ. Illum naraw li naħsbu ħalli nsegwu din l-attitudni.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Alla ta kwalitajiet lil kulħadd. Dawn il-kwalitajiet jagħmluna uniċi.
2. Kulħadd hemm bżonn jagħraf il-kwalitajiet tiegħu biex ikun jista' jgħix u jikber sew.
3. Il-kwalitajiet ta' kulħadd huma bżonnjużi. Dawn ikabbru l-persuna u jtejbu l-ambjent. Ma naħlux ħin biex niżviluppaw lilna nfusna.
4. Il-kwalitajiet huma dawk l-affarijiet sbieħ li kull persuna għandha u li bihom kapaċi tikber u tgħix kuntenta hi u ta' madwarha.

## Nagħżlu flimkien (l-attitudni)



- Tajjeb li nkun bilgħaqal biżżejjed u nagħraf nuża l-ħin sew. Illum ħa nipprova nagħmel dan.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



http://www.youtube.com/watch?v=1xvy6m2t9Bc

(klipp ta' Helen Keller)

Il-parti tal-istorja fejn wara ħafna tbatijiet Helen Keller tibda tirrispondi u taċċetta l-għajnuna. Minn hemm 'il quddiem tibda tiskopri l-kapaċitajiet tagħha u tibqa' miexja.

## Nitolbu



Mulej, nirringrazzjak ta' dak kollu li tajtni għax mhux dejjem napprezza biżżejjed lili nnifsi u dak kollu li żejjintni bih.